



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 16 ta' April 2012 (10.05)
(OR. en)**

**8611/1/12
REV 1**

PUBLIC 21

NOTA

Suġġett: **SOMMARJU TA' KULL XAHAR TAL-ATTI TAL-KUNSILL FRAR 2012**

Dan id-dokument jikkonsisti f'dan li ġej:

- L-ANNESS I li fih lista ta' atti adottati mill-Kunsill fi Frar 2012^{1 2}.
- L-ANNESS II li fih aktar dettalji dwar l-adozzjoni ta' dawn l-atti. Il-PARTI I tipprovdi informazzjoni dwar l-adozzjoni ta' atti leġislattivi, b'had-data tal-adozzjoni, is-sessjoni rilevanti tal-Kunsill, in-numru tad-dokument adottat, u fejn adatt, ir-regoli applikabbli tal-votazzjoni, ir-riżultati tal-votazzjoni, spjegazzjonijiet dwar il-votazzjoni u dikjarazzjonijiet ippubblikati fil-minuti tal-Kunsill. Il-PARTI II tipprovdi informazzjoni li l-Kunsill ikun iddeċieda li jagħmel pubblika dwar l-adozzjoni ta' atti oħrajn.

¹ Bl-eċċezzjoni ta' ċerti atti b'kamp ta' applikazzjoni limitat b'hal deċiżjonijiet proċedurali, ħatriet, deċiżjonijiet ta' korpi stabbiliti bi ftehimiet internazzjonali, deċiżjonijiet baġitarji speċifiċi, eċċ.

² Fil-każ ta' atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja, jista' jkun hemm differenza bejn id-data tal-laqgħa tal-Kunsill meta l-att leġislativ jiġi adottat u d-data attwali tal-att inkwistjoni, peress li l-atti leġislattivi adottati fil-proċedura leġislattiva ordinarja jitqiesu biss li jkunu ġew adottati wara l-iffirmar kemm mill-President tal-Kunsill u l-President tal-Parlament Ewropew kif ukoll mis-Segretarji Ġenerali taż-żewġ Istituzzjonijiet.

Dan id-dokument huwa disponibbli wkoll permezz tal-Internet fi:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/monthly-summaries-of-council-acts>

Id-dokumenti elenkati fis-sommarju jistgħu jinkisbu mir-reġistru pubbliku tad-dokumenti tal-

Kunsill fi: <http://consilium.europa.eu/documents/access-to-council-documents-public-register>

Għandu jiġi nnotat li huma biss il-minuti dwar l-adozzjoni definittiva ta' atti leġislattivi li huma awtentiċi. Dawn huma disponibbli permezz tal-Internet fi:

<http://consilium.europa.eu/documents/legislative-transparency/council-minutes>

**LISTA TAL-ATTI ADOTTATI MILL-KUNSILL
FI FRAR 2012****It-3144 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGĦAŻAGĦ, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2012**

Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-użu tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-diterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u fid-diterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

PE-CONS 67/2/11 REV 2

Regolament (UE) Nru 154/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)

ĠU L 58, 29.2.2012, p. 3–4

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tat-Turkija dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru 18231/11, 18268/11 + COR 1 (hu) + COR 2 (fi) + COR 3 (cs) + COR 4 (ro) + COR 5 + COR 6 (fi) + REV 2 (sk)

2012/85/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2012 li tawtorizza lil Spanja u Franza biex idaħħlu miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud

ĠU L 41, 15.2.2012, p. 16–16

It-3145 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA), li saret fi Brussell fl-14 ta' Frar 2012

2012/143/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-Sikurezza tal-persuni mixjin fit-triq u fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-sorsi tad-dawl minn Dijodu li Jemmetti d-Dawl (LED)

ĠU L 71, 9.3.2012, p. 3–4

2012/142/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mar-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

ĠU L 71, 9.3.2012, p. 1–2

2012/113/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru

ĠU L 52, 24.2.2012, p. 1–1

2012/164/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel
ĠU L 93, 30.3.2012, p. 1–2

2012/114/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tat-talba għal deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi addizzjonali mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-Pakistan
ĠU L 52, 24.2.2012, p. 2–2

ADOZZJONI TA' ATT LEĠISLATTIV WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew
(Strasburgu, mit-13 sas-16 ta' Frar 2012)

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue
6395/12 (16696/1/2011 REV 1)

Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika dwar l-ispettru tar-radju
6338/12 (16226/1/11 REV 1)

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni
6336/12 (18733/1/11 REV 1)

It-3146 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGL, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fis-17 ta' Frar 2012

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/98/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li għgedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar
ĠU L 47, 18.2.2012, p. 64–68

Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/97/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe
ĠU L 47, 18.2.2012, p. 50–63

2012/96/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2012 dwar l-adattament u l-estensjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa stabbiliti għall-ewwel darba mid-Deċiżjoni 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim tas-Sħubija tal-ACP-KE
ĠU L 47, 18.2.2012, p. 47–49

Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni fil-Komitat Konġunt UE-PLO stabbilit bil-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Ħelsien tal-Palestina (il-PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza, min-naħa l-oħra, dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-Ftehim
5998/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-kuntast tas-Semestru Ewropew: Prijoritajiet għal azzjoni fl-oqsma tal-impjiegi u l-politiki soċjali: gwida politika fl-2012
6601/12

It-3147 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea "KOMPETITIVITÀ" (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju), li saret fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Frar 2012

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda futura tar-regolamentazzjoni intelliġenti b'enfasi qawwija fuq l-utent finali
6341/12 + COR 1 (de)

It-3148 laqgħa tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fl-21 ta' Frar 2012

Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (Test b'relevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 86, 24.3.2012, p. 1–24

Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ksieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 428/2009 li jstabbilixxi reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju
18144/1/11 REV 1

Direttiva 2012/6/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 81, 21.3.2012, p. 3–6

Konklużjonijiet tal-Kunsill: Finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima - segwitu għall-Konferenza ta' Durban
6810/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill: Aspetti ekonomiċi tal-pjan direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi
6811/12

Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010
6083/12 ADD 1

Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010
6084/12 ADD 1

Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010
6086/12 ADD 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2012: gwida makroekonomika u fiskali
6353/1/12 REV 1

Konklużjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus dwar Il-Patt Euro Plus - it-triq 'il quddiem
6404/1/12 REV 1

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 6081/12 ADD 1
6081/1/12 REV 1

Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010
6081/12 ADD 2

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-baġit għall-2013
6260/12

2012/127/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2010
ĠU L 55, 29.2.2012, p. 32-32

2012/128/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2010
ĠU L 55, 29.2.2012, p. 33-33

2012/129/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2010
ĠU L 55, 29.2.2012, p. 34-34

It-3149 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET BARRANIN), li saret fi Brussell fis-27 ta' Frar 2012

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjoni EUNAVFOR ATALANTA Kontra l-Piraterija
6695/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-prijoritajiet tal-UE fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU"
6825/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen
6776/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja
6938/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu
6935/12

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kawkasu tan-Nofsinhar
6934/12

It-3150 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJIET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-28 ta' Frar 2012

Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u ta' negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)
ĠU L 94, 30.3.2012, p. 22-37

Regolament (UE) Nru 261/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib
ĠU L 94, 30.3.2012, p. 38-48

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija
6648/12

2012/145/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet
ĠU L 72, 10.3.2012, p. 1-1

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kunsill Ewropew (1-2 ta' Marzu 2012)
5368/12

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
It-3144 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (EDUKAZZJONI, ŻGHAŻAĠH, KULTURA U SPORT) li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2012 Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 648/2004 fir-rigward tal-użu tal-fosfati u komposti ta' fosfru oħra fid-deterġenti tal-ħasil tal-ħwejjeġ għall-konsumatur u d-deterġenti tal-magni tal-ħasil tal-platti awtomatiċi għall-konsumatur (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 67/2/11 REV 2	maġġoranza kkwalifikata	l-Istati Membri kollha favur, minbarra: kontra: BG, CZ
Dikjarazzjoni konġunta mill-Kummissjoni, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u r-Renju Unit dwar il-Prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar Fi spirtu ta' kompromess u sabiex ir-Regolament ikun jista' jiġi adottat fl-ewwel qari, il-Kummissjoni, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u r-Renju Unit jistgħu jaċċettaw it-test ta' kompromess għalkemm dan fih xi elementi li jmorru lil hinn mill-proposta tal-Kummissjoni. B'mod partikolari, il-Kummissjoni, l-Irlanda, il-Latvja, il-Litwanja u r-Renju Unit jiddispjaċihom li billi diġà ġew inklużi minn issa restrizzjonijiet fuq id-Deterġenti tal-Magni tal-Ħasil tal-Platti Awtomatiċi għall-Konsumatur il-Prinċipji ta' Regolamentazzjoni Aħjar u t-tfassil ta' politika bbażat fuq l-evidenza ma ġewx segwiti.			
Regolament (UE) Nru 154/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Frar 2012 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)	PE-CONS 75/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalifikata	l-Istati Membri kollha favur
ADOZZJONI TA' ATT LEGISLATIV WARA T-TIENI QARI TAL-PARLAMENT EWROPEW - Eżitu tat-tieni qari tal-Parlament Ewropew (Strasburgu, mit-13 sas-16 ta' Frar 2012) Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2000/75/KE fir-rigward tat-tilqima kontra l-bluetongue	6395/12 (16696/1/11 REV 1)	m.a. (maġġoranza kkwalifikata)	m.a. (l-Istati Membri kollha favur)

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi l-ewwel programm tal-politika dwar l-ispettru tar-radju	6388/12 (16226/1/11 REV 1)	m.a. (maġġoranza kkwalfikata)	m.a. (l-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: BE)
Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tad-distribuzzjoni ta' prodotti tal-ikel lill-persuni l-aktar fil-bżonn fl-Unjoni	6336/12 (18733/1/11 REV 1)	m.a. (maġġoranza kkwalfikata)	m.a. (l-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: CZ, kontra: DE, SE, UK)
It-3148 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI u FINANZJARJI), li saret fi Brussell fil-21ta' Frar 2012			
Regolament (UE) Nru 236/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 dwar bejgħ bin-nieqes u ċerti aspetti tas-swaps ta' inadempjenza tal-kreditu (Test b'relevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 68/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalfikata	l-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: UK
Dikjarazzjoni mill-Kummissjoni Il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tagħmel użu mill-ħila esperta rilevanti kollha. Il-Kummissjoni jiddispijaċiha li l-formulazzjoni tal-premessa 43 dwar il-konsultazzjonijiet ma tirriflettix bis-sħiħ il-Fehim Komuni dwar id-delega ta' setgħat legiſlattiv skont l-Artikolu 290 TFUE.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka Fl-ECOFIN ta' Mejju, il-Kunsill u l-Kummissjoni impenjaw ruħhom "li jaħdmu matul it-Trilogu biex isibu soluzzjoni li tiegħu kont tat-tħassib espress mill-Istati Membri fil-Kunsill ECOFIN rigward is-setgħat tal-ESMA fl-Artikolu 28". Minkejja dan l-impenn it-tħassib ma ġiex indirizzat. Ir-Renju Unit u r-Repubblika Ċeka għad għandhom tħassib sinifikanti li, kif inhu abbozzat, l-Artikolu 28 ikun illegali u jmur kontra l-prinċipju stabbilit fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża Meroni. Għalhekk il-Gvern Brittanniku u dak Ċek ma jistgħux jappoġġaw it-test fl-Artikolu 28 u ser jikkunsidraw kif l-aħjar jiżguraw li tiġi pprovduta ċ-ċertezza legali.			
Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 428/2009 li jstabbilixxi Reġim Komunitarju għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, it-trasferiment, is-senserija u t-transitu ta' oġġetti b'użu doppju	18144/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalfikata	l-Istati Membri kollha favur
Direttiva 2012/6/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 78/660/KEE dwar il-kontijiet annwali ta' ċerti tipi ta' kumpanniji fir-rigward ta' mikroentitajiet (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 79/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalfikata	l-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: PT

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni minn Spanja, Franza, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Italja Spanja, Franza, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Italja jappoġġaw l-oġġettiv tat-tnaqqis ta' piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa għall-mikroentitajiet sabiex isir kontribut għall-iżvilupp tagħhom. Fil-Kunsill Kompetittività tat-30 u l-31 ta' Mejju 2011, dawn l-Istati Membri appoġġaw il-pożizzjoni komuni dwar l-abbozz ta' Direttiva rigward l-iżvilupp ta' reġim ta' kontabbiltà simplifikat għall-mikroentitajiet. Għalkemm xorta għad għandhom xi tħassib, huma mhux qed jopponu t-test li ntlaħaq qbil dwaru mal-Parlament Ewropew, sabiex tkun possibbli l-adozzjoni tal-abbozz ta' Direttiva, u huma jtennu li dan il-qbil bl-ebda mod ma jistabbilixxi preċedent għal leġislazzjoni futura u/jew reġimi eħfef għall-mikroentitajiet. Spanja, Franza, il-Greċja, il-Lussemburgu u l-Italja ser jeżaminaw, b'mod partikolari il-proposti reċenti dwar ir-reviżjoni tar-Raba' u s-Seba' Direttivi dwar il-Kontabbiltà kif ukoll kwalunkwe inizjattiva futura mmirata lejn l-istabbiliment ta' eżenzjonijiet jew reġimi simplifikati għall-mikroentitajiet, fid-dawl tal-prinċipji li ġejjin: – l-impatt tagħhom fuq il-funzjonament tas-suq intern: l-armonizzazzjoni hija fiha nnifisha element ta' simplifikazzjoni għall-intrapriżi u żżid l-ekwità tat-transazzjonijiet. Dan l-oġġettiv ma għandux jiġi affettwat; għall-kuntrarju, għandu jissokta u jiġi rinforzat. Ma għandu jkun hemm l-ebda disarmonizzazzjoni tas-suq intern. - ir-rispett għall-oġġettivi fundamentali bħar-rispett għas-saħħa tal-bniedem, il-preservazzjoni tal-ambjent u r-rispett għad-drittijiet soċjali. - ir-rispett għall-prinċipju tat-trasparenza, il-prinċipji tal-liġi tal-kontabbiltà Ewropea u, b'mod aktar ġenerali, l-oġġettivi tal-leġislazzjoni finanzjarja Ewropea.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEGISLATIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Ġermanja Il-Ġermanja tappoġġa t-tnaqqis tar-rekwiżiti ta' kontabbiltà u rappurtar finanzjarju għall-mikroentitajiet sabiex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi mhux meħtieġa. Għaldaqstant, il-Ġermanja appoġġat il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni. Dik il-proposta pprovdiet lill-Istati Membri bl-għażliet meħtieġa għall-għoti ta' eżenzjonijiet u hija konsistenti mal-isforzi ġenerali biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, li ġew espressi bosta drabi fil-livell Ewropew ukoll. L-abbozz ta' pożizzjoni attwali tal-Kunsill ser tikseb tnaqqis konsiderevoli tar-rekwiżiti regolatorji għall-mikroentitajiet fil-qasam tal-kontabbiltà. Madankollu, il-Ġermanja kienet tippreferi tistabbilixxi limiti għoljin daqs daww il-proposta tal-Kummissjoni. Dan kien jagħti lill-Istati Membri l-għażla li jeżentaw aktar kumpanniji żgħira. Barra minn hekk, it-test attwali ma għadux jinkludi possibbiltajiet reali għal eżenzjonijiet mir-rekwiżit ta' pubblikazzjoni, li setgħu jnaqqsu l-piżijiet amministrattivi sostanzjalment. Madankollu, il-Ġermanja taqbel mal-pakkett attwali peress li mhijiex beħsiebha xxekel l-ewwel pass biex jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi għall-mikroentitajiet li jirriżultaw mir-rekwiżiti ta' kontabbiltà u rappurtar finanzjarju. Il-Ġermanja ser tkompli tirrakkomanda tnaqqis aktar ambizzjuż tal-piżijiet amministrattivi.			
It-3150 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-28 ta' Frar 2012 Regolament (UE) Nru 260/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u ta' negozju għat-trasferimenti ta' kreditu u debiti diretti bl-euro u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 924/2009 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	PE-CONS 76/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalifikata	l-Istati Membri kollha favur

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
FRAR 2012**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-governanza SEPA Sabiex il-migrazzjoni SEPA tipproċedi bla xkiel u sabiex il-proġett SEPA usa' jikseb il-potenzjal sħiħ tiegħu, huwa vitali li l-partijiet interessati kollha u b'mod speċjali l-utenti, inklużi l-konsumaturi, ikunu involuti mill-qrib u jkollhom rwol sħiħ. Filwaqt li l-istabbiliment tal-Kunsill SEPA jirrappreżenta titjib sinifikanti għall-governanza tal-proġett SEPA, sal-lum il-migrazzjoni SEPA kienet żviluppata sostanzjalment min-naħa tal-forniment u b'mod partikolari l-banek Ewropej taħt il-patroċinju tal-Kunsill Ewropew tal-Pagamenti (EPC). Għalhekk, filwaqt li tirrieżamina l-funzjonament tal-Kunsill SEPA fl-2012, il-Kummissjoni ser tikkunsidra l-governanza tal-proġett SEPA kollu u, b'mod partikolari, dwar kif jista' jittieħed kont aħjar tal-konsumatur, l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, il-bejjieġha bl-imnut u l-interessi ta' utenti oħrajn. Il-Kummissjoni ser tirrieżamina, fost l-oħrajn, il-kompożizzjoni tal-EPC, l-interazzjoni bejn l-EPC u struttura ta' governanza kumplessiva, bħall-Kunsill tal-EPA, u r-rwol ta' dik l-istruttura kumplessiva. Jekk il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tikkonferma l-hteġa għal aktar inizjattivi għat-titjib tal-Governanza SEPA, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tagħmel xi proposti. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar r-rieżami tad-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas Il-Kummissjoni tirrikonoxxi bis-sħiħ li sabiex jiġi żgurat appoġġ pubbliku wiesa' għas-SEPA, huwa essenzjali li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni għal min iħallas, b'mod partikolari għal transazzjonijiet ta' debitu dirett. Il-Kummissjoni tinnota li llum bosta konsumaturi jgawdu dritt għal rifużjoni mingħajr kondizzjonijiet skont l-iskemi nazzjonali rispettivi tagħhom ta' debitu dirett. Hija tinnota wkoll li l-unika skema pan-Ewropea eżistenti ta' debitu dirett għall-konsumaturi tipprevedi d-dritt ta' rifużjoni mingħajr kondizzjonijiet għal pagamenti awtorizzati matul perijodu ta' tmien ġimgħat. Dak id-dritt ta' rifużjoni hu usa' mill-minmu meħtieġ skont id-Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas (Id-Direttiva 2007/64/KE). Għalhekk, b'kont meħud tal-hteġa li jiġi żgurat livell oġġettiv ta' protezzjoni għall-konsumaturi u b'kont meħud tas-sitwazzjoni prevalenti tas-suq fl-Unjoni u t-talba tal-Parlament Ewropew, espressa matul id-dibattitu politiku dwar is-SEPA, għal titjib fid-dritt ta' rifużjoni, il-Kummissjoni ser tinkludi rieżami tad-drittijiet ta' rifużjoni ta' debiti diretti eżistenti fl-Unjoni fi ħdan il-kamp ta' applikazzjoni tar-rapport tagħha skont l-Artikolu 87 ta' dik id-Direttiva. Il-Kummissjoni ser tippreżenta dak ir-rapport mhux aktar tard mill-1 ta' Novembru 2012 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Bank Ċentrali Ewropew. Jekk ir-rapport tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 87 tad-Direttiva dwar is-Servizz ta' Ħlas jikkonferma l-hteġa għal reviżjoni ta' dik id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-kriterji għad-drittijiet ta' rifużjoni, il-Kummissjoni ser tikkunsidra li tagħmel xi proposti.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-atti ddelegati Il-Kummissjoni hi tal-fehma li l-Artikolu 290 TFUE għandu jiġi interpretat bħala li jfisser li hi awtonoma fit-tnejn u l-adozzjoni tal-atti ddelegati. Il-premessa standard dwar il-parir espert li tinsab fil-Fehim Komuni maqbul bejn it-tliet istituzzjonijiet hi riflessjoni ta' dik l-interpretazzjoni. Il-Kummissjoni għalhekk jiddispjaċiha li l-premessa 30 ta' dan ir-Regolament tiddevja mill-Fehim Komuni. Dikjarazzjoni minn Franza, ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija u l-Estonja Franza, ir-Repubblika Ċeka, l-Awstrija u l-Estonja jesprimu tħassib qawwi dwar l-eliminazzjoni tal-BIC li ntalbet mill-PE u l-Kummissjoni bħala parti min-negozjati finali. Dan sar mingħajr l-valutazzjoni tal-impatt korretta (inkluża l-analiżi tal-kostbenefiċċju) li kellha titwettaq f'konformità mal-fehim interistituzzjonali bejn il-Kummissjoni, il-PE u l-Kunsill. Bl-eliminazzjoni tal-BIC hemm riskju ta' tnaqqis fir-ritmu jew ta' impediment tal-migrazzjoni għas-SEPA f'ċerti Stati Membri u dan iqajjem kwistjonijiet ta' sigurtà tal-IT (inklużi kwistjonijiet rigward il-protezzjoni tad-data), b'mod partikolari frabta mal-istabbiliment potenzjali ta' reġistru tal-BIC pan-Ewropew, li ma ġiex ivvalutat b'mod adegwat. Dikjarazzjoni mill-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Isvezja u r-Renju Unit L-euro għandha rwol importanti fir-relazzjonijiet kummerċjali u tan-negozjar ta' Stati Membri li m'għandhomx l-euro bħala l-munita tagħhom, li ser jimplimentaw ukoll ir-Regolament dwar is-SEPA għat-transazzjonijiet tagħhom bl-euro. Il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, l-Isvezja u r-Renju Unit jemmnu li r-Regolament dwar is-SEPA, u l-proġett SEPA fl-intier tagħhom, għandhom jkunu bbażati fuq struttura ta' governanza adatta u rappreżentattiva. Għaldaqstant, dawn l-Istati Membri jappellaw għar-rappreżentanza fil-Kunsill SEPA ta' bank ċentrali ta' Stat Membru li m'għandux l-euro bħala l-munita tiegħu.			
Regolament (UE) Nru 261/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib	PE-CONS 77/1/11 REV 1	maġġoranza kkwalifikata	l-Istati Membri kollha favur, minbarra: astensjoni: DK, IE, NL kontra: LU

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
FRAR 2012**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni tal-Kunsill Il-Kunsill jiddikjara li l-għażla li saret f'dan ir-Regolament li ma tintużax l-għażla prevista fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 hi mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe pożizzjoni futura li għandha tittieħed każ b'każ fir-rigward ta' atti legiſlattivi oħrajn, b'mod partikolari fil-qasam agrikolu, peress li l-punt (b) imsemmi jippermetti li l-leġislatur jiddeċiedi, f'kull att bażiku li jintalab jadotta, jekk ikunx adatt li jiġi previst li l-abbozzi ta' atti ta' implimentazzjoni ma jistgħux jiġu adottati mill-Kummissjoni fejn ma tingħatax opinjoni mill-kumitat kompetenti. Dikjarazzjoni tal-Kummissjoni Il-Kummissjoni tiddikjara li: 1. fir-rigward tal-Artikolu 126c(6), sabiex jiġi prevenut li l-kompetizzjoni tkun eskluża jew sabiex jiġi evitat li ssir ħsara serja lill-SMEs li jipproċessaw il-ħalib mhux proċessat fit-territorju tagħha, l-awtorità kompetenti rilevanti tista' f'każ individwali tiddeċiedi li, qabel jew wara li jingħalqu n-negozjati, in-negozjati mill-organizzazzjoni produttriċi għandhom jew jinfetħu mill-ġdid jew inkella ma jsirux affattu. 2. hija ser tinforma lill-Istati Membri kkonċernati u titlob il-fehma tagħhom meta tiegħu deċiżjonijiet dwar l-inkompatibbiltà mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 tal-attivitajiet li ġejjin fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib: (a) jekk ċerti ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiki miftiehma ta' organizzazzjonijiet interprofessjonali humiex inkompatibbli mar-regoli tal-Unjoni [irreferi għall-Artikolu 177a]; (b) jekk in-negozjati minn organizzazzjoni produttriċi relatati ma' aktar minn Stat Membru wieħed ma għandhom xsiru jew jinfetħu mill-ġdid [paragrafu 6 tal-Artikolu 126c]; (c) jekk Stat Membru għandux iħassar ir-regoli stabbiliti minn dak l-Istat Membru li jirregola l-provvista ta' tali ġobon DPO/IĠP prodott fiż-żona ġeografika definita, fil-każ li r-regoli ma jkunux f'konformità mal-kondizzjonijiet meħtieġa jew jipprevjenu jew jostakolaw il-kompetizzjoni f'parti sostanzjali tas-suq intern, jew jipperikolaw il-kummerċ ħieles jew li l-oġettivi tal-Artikolu 39 TFUE jkunu pperikolati [irreferi għall-paragrafu 8 tal-Artikolu 126d]; 3. fir-rigward tal-Artikolu 126d dwar il-ġestjoni tal-provvista ta' DPO u IĠP, il-Kummissjoni tixtieq tindika, li dan huwa permess biss jekk ikun hemm rappreżentanza kbira ta' produttori tal-ħalib u produttori tal-ġobon u bil-kondizzjoni li r-regoli ma joħolqux diskriminazzjoni, ma jikkostitwixxux ostakolu għal parteċipanti ġodda, jew jaffettwaw b'mod negattiv lill-produttori ż-żgħar. [irreferi għall-paragrafu 2 u l-paragrafu 4(h) tal-Artikolu 126d]			

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI
FRAR 2012**

TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Dikjarazzjoni mill-Irlanda u l-Pajjiżi l-Baxxi La l-Irlanda u lanqas il-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħu jappoġġaw il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib, għaliex ma fihx miżura li tiżgura li l-bdiewa tal-prodotti tal-ħalib fl-Istati Membri kollha ma jieħdux skossi gravi qabel it-tneħħija tal-kwota fuq il-prodotti tal-ħalib fl-2015. F'dan il-mument huwa ċar li l-miżuri ta' titjib maqbula fil-kuntest tal-Verifika tas-Saħħa tal-PAK mhumieq biżżejjed f'xi Stati Membri. Fid-diskussjoni rigward il-proposta dwar il-pakkett tal-prodotti tal-ħalib, l-Irlanda u l-Pajjiżi l-Baxxi kif ukoll Stati Membri oħrajn komplew jenfasizzaw il-ħtieġa li tiġi żgurata transizzjoni bla xkiel għas-sistema l-ġdida fl-Istati Membri kollha. Dan jista' jintlaħaq permezz ta' diversi mekkaniżmi, inkluża l-espansjoni tal-kwoti, jew bidla fil-fatturi ta' korrezzjoni tax-xaħam. Kif inhu attwalment, il-pakkett legiſlattiv propost huwa nieqes minn tali miżura u ma jtejjibx jew itejjeb ftit biss il-pożizzjoni tal-bdiewa tal-prodotti tal-ħalib fil-pajjiżi tagħna, u għal dik ir-raġuni l-Irlanda u l-Pajjiżi l-Baxxi ma jistgħux jappoġġaw ir-Regolament propost. Dikjarazzjoni mil-Lussemburgu Id-delegazzjoni Lussemburgiża tieħu nota tal-adozzjoni tal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib. Dan ir-Regolament jirrifletti ċerti rakkomandazzjonijiet li saru mill-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar il-ħalib, adottati f'Lulju 2010. Wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet kien li jerġa' jiġi stabbilit l-ekwilibriju bejn il-pożizzjonijiet rispettivi tal-produtturi u l-proċessuri fis-settur tal-ħalib. Id-delegazzjoni Lussemburgiża appoġġat il-konklużjonijiet ta' dan il-Grupp ta' Livell Għoli u tilqa' l-inklużjoni tagħhom f' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS), emendat wara l-Verifika tas-Saħħa tal-PAK bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 72/2009 tad-19 ta' Jannar 2009, jipprevedi fl-Artikolu 184(6) li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport qabel il-31 ta' Diċembru 2010 u l-31 ta' Diċembru 2012 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq u l-kundizzjonijiet konsegwenti għal tneħħija gradwali mingħajr xkiel tas-sistema tal-kwoti tal-ħalib, akkumpanjat jekk meħtieġ minn proposti adatti. L-ewwel rapport inkwistjoni ġie ppreżentat mill-Kummissjoni fit-8 ta' Diċembru 2010. Minkejja li f'dan ir-rapport il-Kummissjoni Ewropea tirrikonoxxi li s-sitwazzjoni attwali tas-suq ma tiggarantixxix li ma jkunx hemm skossi gravi fit-tneħħija tas-sistema tal-kwoti fuq il-prodotti tal-ħalib fl-2015 fl-Istati Membri kollha, din ma tagħmilx suġġerimenti biex din il-problema tissolva. Għalhekk, id-delegazzjoni Lussemburgiża tesprimi d-diżappunt tagħha dwar il-fatt li r-Regolament dwar ir-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib ma jinkludix miżuri prattiċi li jiggarantixxu li ma jkun hemm skossi gravi fl-ebda Stat Membru.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TAL-ATTI LEĠISLATTIVI FRAR 2012			
TITOLU TAL-ATT LEĠISLATTIV	TESTI ADOTTATI	REGOLA TAL-VOTAZZJONI	VOTI
Id-delegazzjoni Lussemburġiża titlob lill-Kummissjoni biex tkompli tanalizza mezzi possibbli ta' adattament tal-leġislazzjoni attwali sabiex tissolva din is-sitwazzjoni diffiċli għall-produtturi kollha tal-ħalib konċernati, u sabiex tagħmel proposti adegwati u mingħajr dewmien. Konsegwentement, id-delegazzjoni Lussemburġiża ma tistax tappoġġa l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tar-relazzjonijiet kuntrattwali fis-settur tal-ħalib u tal-prodotti tal-ħalib u jiddispijaċiha li ser ikollha tivvota kontra din il-proposta.			

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
It-3144 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (<u>EDUKAZZJONI, ŻGHAŻAĠH, KULTURA u SPORT</u>) li saret fi Brussell fl-10 ta' Frar 2012 Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f' isem l-Unjoni, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tat-Turkija dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru 18231/11, 18268/11 + COR 1 (hu) + COR 2 (fi) + COR 3 (cs) + COR 4 (ro) +COR 5 + COR 6 (fi) + REV 2 (sk) 2012/85/UE: Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-10 ta' Frar 2012 li tawtorizza lil Spanja u Franza biex idaħħlu miżura ta' deroga speċjali mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud 5268/12 + REV 1 (cs) It-3145 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (<u>TRASPORT, TELEKOMUNIKAZZJONI u ENERĠIJA</u>), li saret fi Brussell fl-14 ta' Frar 2012 2012/143/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-Sikurezza tal-persuni mixjin fit-Triq u fir-rigward tal-abbozz tar-Regolament tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar is-sorsi tad-dawl minn Dijodu li Jemmetti d-Dawl (LED) 13895/11 + COR 1 (lt) + COR 2 (da)	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2012/142/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar l-adeżjoni tal-Unjoni Ewropea mar-Regolament Nru 29 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa dwar id-dispożizzjonijiet uniformi li jikkonċernaw l-approvazzjoni ta' vetturi fir-rigward tal-protezzjoni tal-okkupanti tal-kabina ta' vettura kummerċjali (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) 13894/11 + COR 1 (da) 2012/113/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru 13238/11 Dikjarazzjoni Konġunta mill-Kunsill u l-Kummissjoni Għal raġunijiet prammatiċi fost oħrajn, huwa preferibbli li l-Unjoni waħedha għandha tikkonkludi l-Ftehim mal-Gvern tar-Repubblika tal-Indoneżja dwar ċerti aspetti tas-servizzi tal-ajru. . L-istess konsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward ta' ftehimiet simili dment li jiġu konklużi f'konformità u fil-limiti tal-mandat dwar is-sostituzzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet fil-ftehimiet bilaterali eżistenti adottati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003. Din id-Deċiżjoni ma tikkostitwixxix preċedent fir-rigward tal-eżerċizzju tal-kompetenzi rispettivi tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha fir-rigward ta' ftehimiet ħlief dawk imsemmijin hawn fuq, bħal pereżempju, ftehimiet tat-tip previst bid-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2003 li tawtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti fil-qasam tat-trasport bl-ajru, li għandhom jiġu konklużi bħala ftehimiet imħalltin. Din id-Deċiżjoni ma toħloq l-ebda kompetenza ġdida tal-Unjoni fir-rigward ta' ftehimiet esterni dwar is-servizzi tal-ajru, u lanqas ma taffettwa d-diviżjoni tal-kompetenzi bejn l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. 2012/164/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Ġeorġja dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel 9737/11	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
2012/114/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tal-14 ta' Frar 2012 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Ġenerali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ fir-rigward tat-talba għal deroga tad-WTO fuq il-preferenzi kummerċjali awtonomi addizzjonali mogħtija mill-Unjoni Ewropea lill-Pakistan 5912/12 It-3146 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (IMPJIEGI, POLITIKA SOĊJALI, SAĦĦA u AFFARIJET TAL-KONSUMATUR), li saret fi Brussell fis-17 ta' Frar 2012 Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/98/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2010/232/PESK li ġġedded il-miżuri restrittivi kontra Burma/il-Mjanmar 6284/12 Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/97/PESK tas-17 ta' Frar 2012 li temenda d-Deċiżjoni 2011/101/PESK dwar miżuri restrittivi kontra ż-Żimbabwe 6261/12 2012/96/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Frar 2012 dwar l-adattament u l-estensjoni tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-miżuri xierqa stabbiliti għall-ewwel darba mid-Deċiżjoni 2002/148/KE li tikkonkludi l-konsultazzjonijiet maż-Żimbabwe taħt l-Artikolu 96 tal-Ftehim tas-Sħubija tal-ACP-KE 6146/12 + COR 1 (es) + COR 2 (pl) Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tiegħu l-Unjoni fil-Komitat Konġunt UE-PLO stabbilit bil-Ftehim Interim ta' Assoċjazzjoni Ewro-Mediterranju dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn il-Komunità Ewropea, min-naħa waħda, u l-Organizzazzjoni għall-Heġsien tal-Palestina (il-PLO) għall-benefiċċju tal-Awtorità Palestinjana tax-Xatt tal-Punent u l-Istrixxa ta' Gaza, min-naħa l-oħra, dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 66 tal-Ftehim 5998/12	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar L-Istħarriġ Annwali dwar it-Tkabbir u r-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi fil-kuntest tas-Semestru Ewropew: Prijoritajiet għal azzjoni fl-oqsma tal-impjiegi u l-politiki soċjali: gwida politika fl-2012 6601/12 It-3147 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea "KOMPETITIVITÀ" (Suq Intern, Industrija, Riċerka u Spazju), li saret fi Brussell fl-20 u l-21 ta' Frar 2012 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aġenda futura tar-regolamentazzjoni intelliġenti b'enfasi qawwija fuq l-utent finali 6341/12 + COR 1 (de) It-3148 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET EKONOMIĊI U FINANZJARJI) Konklużjonijiet tal-Kunsill: Finanzjament tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima - segwitu għall-Konferenza ta' Durban 6810/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill: Aspetti ekonomiċi tal-pjan direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi 6811/12 Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-korpi stabbiliti mill-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 6083/12 ADD 1	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-aġenziji eżekuttivi fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 6084/12 ADD 1	
Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-impriżi konġunti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit għas-sena finanzjarja 2010 6086/12 ADD 1	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Semestru Ewropew 2012: gwida makroekonomika u fiskali 6353/1/12 REV 1	
Konklużjonijiet tal-Istati Membri parteċipanti fil-Patt Euro Plus dwar Il-Patt Euro Plus - it-triq 'il quddiem 6404/1/12 REV 1	
Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 6081/1/12 REV 1 + 6081/12 ADD 1	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
Konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-rapporti speċjali tal-Qorti tal-Awdituri dwar il-Kwittanza li għandha tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2010 6081/12 ADD 2	
Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-linji gwida tal-baġit għall-2013 6260/12	
2012/127/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (it-tmien EDF) għas-sena finanzjarja 2010 5458/12	
2012/128/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (id-disa' EDF) għas-sena finanzjarja 2010 5459/12	
2012/129/UE: Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Frar 2012 dwar il-kwittanza li trid tingħata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-operazzjonijiet tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp (l-għaxar EDF) għas-sena finanzjarja 2010 5460/12	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
It-3149 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET BARRANIN), li saret fi Brussell fis-27 ta' Frar 2012 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Operazzjoni EUNAVFOR ATALANTA Kontra l-Piraterija 6695/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Il-prijoritajiet tal-UE fil-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem tan-NU" 6825/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Jemen 6776/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-Sirja 6938/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Eġittu 6935/12 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kawkasu tan-Nofsinhar 6934/12	

INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI TA' ATTI OĦRAJN FRAR 2012	
ATTI OĦRAJN	Voti/Dikjarazzjonijiet magħmulin pubbliċi
It-3150 laqgħa tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (AFFARIJET ĠENERALI), li saret fi Brussell fit-28 ta' Frar 2012 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Mekkaniżmu ta' Kooperazzjoni u Verifika għall-Bulgarija u r-Rumanija 6648/12 2012/145/UE: Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Frar 2012 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll miftiehem bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Ginea Bissaw li jistabbilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti mill-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd fis-seħħ bejn iż-żewġ Partijiet 15178/11 Dikjarazzjoni unilaterali tal-Pajjiżi l-Baxxi Il-Pajjiżi l-Baxxi ser jastjenu mill-votazzjoni dwar id-deċiżjoni fir-rigward tat-titwil b'sena tal-Protokoll bejn l-UE u l-Ginea Bissaw. Il-popolazzjoni lokali tal-Ginea Bissaw tiddependi ħafna mis-sajd fuq skala żgħira għas-sigurtà alimentari tagħha. Ir-rwol importanti tas-sajd fuq skala żgħira fil-provvista lokali tal-ikel għandu jiġi salvagwardjat. Il-Pajjiżi l-Baxxi jirrispettaw l-livelli ta' kapaċità eżistenti fil-Protokoll u l-kompożizzjoni u l-attivitajiet tal-flotot tal-UE ma jinterferixx fis-settur tal-sajd lokali fuq skala żgħira u għalhekk mhux ser jivvutaw kontra dan it-titwil b'sena. Madankollu, aħna nħossu li l-Gvern tal-Ginea Bissaw għandu jkun konsapevoli li s-sajd industrijali minn bastimenti mhux tal-UE fuq il-pjattaforma kontinentali tal-Ginea Bissaw jista' jinterferixxi fl-interess tas-settur tas-sajd fuq skala żgħira. Il-Pajjiżi l-Baxxi jikkunsidraw li hu importanti li jikkomunikaw lill-awtoritajiet tal-Ginea Bissaw li m'għandu jkun hemm l-ebda aċċess ta' bastimenti industrijali għall-pjattaforma kontinentali tal-Ginea Bissaw u għalhekk ser jastjenu. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Kunsill Ewropew (1-2 ta' Marzu 2012) 5368/12 + REV 1 (de)	